GUDJA

Minuti tal-erbgħa u għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar 2011.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsillier; | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 23/6 (20/12/2010)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun)

5. Estimi finanzjarji għas-sena 2011

6. Financial statements – Jannar sa Diċembru 2010

7. Rapport Amministrattiv – Jannar sa Diċembru 2010

8. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku qal li peress li f'dan il-jum kien sejjer ikun hemm il-Laqgħa Pubblika li ġiet msejħa għas-6.30pm kien sejjer jissospendi din il-laqgħa f'dan il-ħin u jkompli il-laqgħa tal-Kunsill wara li tintem il-Laqgħa Pubblika.

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni illi t-tema nru 4 fuq l-Agenda għandha tinkludi x-xogħol ta' bankina li hija parti minn Triq William Baker minn ħdejn il-kampnar sal-kantuniera ta' Triq San Mark u l-bankina oħra mal-kantuniera ta' Triq il-Kappillan. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u għalhekk il-bankina fi Triq William Baker għandha għal kull fini ta' l-Agenda dwar din il-laqgħa tifforma parti integrali ta' tema 4 ta' l-istess agenda.

## 1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 23/6 (20/12/2010)

1.1 Il-minuti tal-20 ta' Diċembru 2010 li ġew ċirkulati għand il-kunsilleri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.1 Xogħol dwar il-kamra t'isfel tal-bini tal-Kunsill li qed tintuża mill-Għassa tal-Pulizija. Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol dwar is-sular f'isfel tal-Kunsill speċjalment fil-kamra ta' l-Għassa tal-Pulizija u dik ta' wara jinsab miexi sewwa u wasal għal finali.

Issa hemm il-ħtieġa li jitqiegħed il-madum li jiswa madwar €600.00.

Saret diskussjoni u sar qbil li jintalbu tlett kwotazzjonijiet dwar dan u li min jitfa l-irħas offerta jieħu dan ix-xogħol dwar it-tqegħid tal-madum. Il-Kunsill qabel li jsir dan u li l-Kunsill jiġi infurmat aktar dwar dan fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

2.1.2 Triq Ħal Resqun fuq in-naħa ta' Bir Miftuħ. Is-Sindku qal li hemm ħtieġa urġenti li ssir biċċa bankina f'din il-parti tat-triq li mhux sejjer issir xogħol fiha. Il-Kunsill qabel dwar dan u filwaqt li l-kuntrattur jagħti l-istima tax-xogħol meħtieġa, dan ix-xogħol ma jibdiex qabel ix-xogħol li huwa diġa mibdi fi Triq Ħal Resqun ma jkunx avvanzat sewwa.

2.1.3 Bollard – fi Triq Ġlormu Cassar (ftit l-isfel minn fejn hemm il-kamra tal-kenniesa). Is-Sindku qal li qed ssir ħsara lill-proprjeta u għalhekk il-Kunsill qabel li titwaħħal bollard mal-katuniera fuq in-naħa t'isfel tat-triq.

2.1.4 Arblu fi Vjal it-Torri. Is-Sindku qal li hemm arblu f'din it-triq li fuqu hemm il-wire tat-telefon tal-GO li jinsab fi stat ħażin u perikoluż. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma dwar dan lill GO sabiex dan l-arblu jinbidel bla dewmien u b'hekk jitneħħa l-periklu.

2.1.5 Arblu kbir fuq ir-roundabout ħdejn il-Palazz ta' Bettina Gudja. Is-Sindku qal li wasal iż-żmien sabiex kif jagħmlu Kunsilli oħra, l-Kunsill itella arblu fuq ir-roundabout fid-daħla prinċipali tal-Gudja fejn ikun jista' itella l-bandiera tal-Gudja.

Dan l-arblu jkun ta' xi ħamsin pied u li barra l-Kunsill ikunu jistgħu jagħmlu użu minnu l-Każini tal-baned ġewwa l-Gudja għal ġimgħa qabel tiġi ċelebrata l-festa relattiva tagħhom.

Il-Kunsill qabel li jikseb kwotazzjonijiet dwar dan. Ġie diskuss ukoll li fuq din ir-roundabout ikun hemm arloġġ ta' l-elettriku permanenti u l-Kunsill qabel li jikseb stima tan-nefqa sabiex ikun hemm dan l-arloġġ kif ukoll jagħmel estimi ta' konsum ta' l-elettriku li jkollu jħallas il-Kunsill minn żmien għal żmien.

2.1.6 Każ fil-Qorti dwar persuna li kellu kiosk għal Jum il-Festa. Is-Sindku qal li ġie mitlub li jkun xhud dwar dan il-każ fejn il-Pulizija Eżekuttiva qegħda tipproċedi kontra din il-persuna fuq ksur ta' paċi pubblika.

Il-Kunsill qabel li l-avukat tal-Kunsill Dr. Paul Lia jassisti lis-Sindku dwar dan il-każ.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Menħir u Salib storiku fil-konfini tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li peress li kien innota li l-Kunsill ta' Ħal Luqa kien reġa għamel applikazzjoni mal-MEPA dwar xogħol li jitratta dawn is-siti anke meta d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien diġa informa lill Kunsill ta' Ħal Luqa li dawn is-siti jinsabu fil-konfi tal-Kunsill tal-Gudja, huwa flimkien mas-Segretarju Esekuttiv għamel rappreżentanza mas-Sur Pio Farrugia Uffiċjal responsabbli mill-konfini fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mal-MEPA sabiex l-applikazzjoni li ġiet abbusivament sottomessa mill-Kunsill ta' Ħal Luqa tiġi rtirata u li l-Kunsill tal-Gudja jagħmel l-applikazzjoni tiegħu dwar dawn is-siti wara li jieħu l-pariri meħtieġa mingħand il-Perit tal-Kunsill.

Is-Sur Baldacchino qal li tkun ħaġa tajba li dawn is-siti jiġu ċelebrata b'mod sollenni flimkien maċ-ċelebrazzjonijiet tal-575 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa ta' Bir Miftuħ li minna ħarġu seba' parroċċi oħra.

Il-Kunsill qabel li jitlob il-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel il-pjanta xierqa u stimi ta' xogħol sabiex meta l-Kunsill iwettaq ix-xogħol meħtieġ ikun jista ukoll jikxef l-irħama li tfakkar il-Ġrajja tal-Gudja kif ikun jixraq.

2.2.2 Kampanja edukattiva dwar is-separazzjoni ta' l-iskart flimkien mal-GreenPak. Is-Sur Baldacchino qal li bħala l-ewwel Kunsill li għamel ftehim mal-GreenPak dwar is-separazzjoni ta' l-iskart, il-GreenPak stiednet lill-Kunsill sabiex flimkien jorganizzaw kampanja ta' promozzjoni sabiex in-nies tal-Gudja jkomplu jiġu mħeġġa sabiex jissperaw l-iskart għaliex dan jaqbel għall-ambjent, għar-residenti kif ukoll tgħin fil-finanzi tal-Kunsill.

Is-Sur Baldacchino ta' dettalji ta' din il-kampanja promozzjonali li tinkludi t-tfal ta' l-iskola fid-dviersi klassijiet.

Sejra ssir kompetizzjoni dwar is-separazzjoni ta' l-iskart li dwara jingħata aktar tagħrif fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

Is-Sur Baldacchino qal ukoll illi l-Greenpak sejra ukoll toħroġ sehema sewwa f'din il-kampanja u sejra tibda fil-bidu ta' Marzu 2011.

Il-Kunsill approva s-somma ta' €250.00 għax-xiri ta' kotba li sejrin jinxtraw mill-iskola dwar din il-kampanja li qegħda titqies kemm li għandha siwi ambjentali kif ukoll edukattiv.

2.2.3 Stat ta' Triq Ħal Luqa, Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li hemm il-ħtieġa li dawn it-toqob jimtlew bl-asphalt peress li x-xogħol li kienet qablet miegħu li tagħmel Trasport Malta sejjer jieħu ż-żmien u l-Kunsill tal-Gudja jixtieq li jagħmel dak kollu li jista' sabiex itejjeb il-qagħda ta' din it-triq. Is-Sur Baldacchino ssuġġerixxa li jinxtara tunnellata jew tnejn asphalt u għal dan ix-xogħol jitqabbad il-kuntrattur jew ħaddiema assenjati mal-Kunsill sabiex jagħmel ix-xogħol remedjabbli kif ikun meħtieġ u bil-galbu fil-limitazzjoni finanzjarji tal-Kunsill.

2.2.4 Ftehim ta' Public Private Partnership (PPP) dwar il-kumpless sportiv mal-Gudja United Football Club. Is-Sur Baldacchino qal li flimkien mas-Segretarju Esekuttiv kien qed jagħmel rappreżentazzjoni mal-Kumitat Nazzjonali ta' l-iSport mad-Dipartiment tal-Gvern lokali dwar il-ftehim mal-Gudja United FC għaliex fil-fehma tiegħu dan il-ftehim li jinvolvi l-ħlas ta' €12,000.00 mill-Kunsill li jkun qed jestendi l-ħidma tal-Kunsill fil-qasam ta' edukazzjoni fiżika f'diversi oqsma favur ir-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel li jkompli jfittex li jikseb il-permessi meħtieġa sabiex jikkonkludi dan il-ftehim kif ikun meħtieġ.

2.2.5 Xogħol fit-trejqa fil-kampanja fl-inħawi tal-Lampat. Is-Sur Baldacchino qal li f'dawn l-inħawi dawn it-trejqiet jinsabu fi stat ħażin u jinħtieġu manutenzjoni xierqa peress li l-kanali ta' l-ilma jinsabu blokkati u li t-trejqiet sfrondaw b'mod li n-nies ma jistgħux jgħaddu minn dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li jieħu l-passi meħtieġa sabiex issir xogħol mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u dwar li jitnaddfu madwar tlettin metru ta' kanal u li fejn ikun possibli jintefa materjal meħtieġ sabiex jimla l-ħofor bil-possibilita li wara jingħata wiċċ tal-konkos.

Il-Kunsill qabel li jitlob il-Perit tal-Kunsill sabiex jikkonsidra dan il-proġett ta' titjib ta' toroq fil-kampanja bil-possibilita li jinkisbu l-fondi meħtieġa u anke f'ħidma ta' PPP mal-Malta International Airport.

2.2.6 Fondi dwar l-Urban Imporvement Fund (UIF). Is-Sur Baldacchino qal li hemm amdwar €25,000.00 f'dan il-fond. Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jsiru applikazzjonijiet dwar żewġ proġetti.

Proġett ta' Ġnien il-Ħelsien – Triq Birżebbuġa ma' Triq Ħal Safi stima ta' xogħol €22,000.00

Proġett Soft area fi Triq Ħal Tarxien stima ta' xogħol €3,000.00

Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill jipprepara l-applikazzjonijiet u d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet għand il-MEPA skond ir-rekwizita dwar fondi tal-UIF.

2.2.7 Arbli tal-injam sabiex jintużaw mill-GO. Is-Sur Baldacchino qal li kien ġibed l-attenzjoni illi dawn iż-żewġ arbli kienu qed ikerħu l-ambjent.

Il-Kunsill qabel li jikteb lill-GO sabiex jew tagħmel arbli aħjar jew inkella tgħaddi l-wire taħt l-art kif qed issir minn kumpanija oħra li joffru servizz telefoniku u dan b'użu ta' apparat speċjali li lanqas ikun hemm il-ħtieġa li jiġi mħaffer wiċċ it-triq.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark Anthony Sammut

a. Is-Sur Sammut qal li bħala parti mill-attivitajiet sportivi kien se jsiru logħob imsejħa Laser Tag li jkunu jiswew madwar €180.00. Is-Sur Sammut qal li dan il-logħob issir f'xi wied madwar il-Gudja u b'hekk ikun jista' jidgawda sew mill-parteċipani kif ukoll minn nies oħra li jattendu għalih.

Il-Kunsill qabel u approva din in-nefqa u awtorizza lis-Sur Sammut sabiex jipproċedi bl-arranġamenti meħtieġa.

b. Zumba Dance jew xi eżerċizzju fiżiku simili skond kif ikun possibli. Is-Sur Sammut qal li kienu qed issiru preparamenti sabiex madwar erbgħin ruħ jieħdu sehem f'dawn l-isports sessions li se jkun hemm għaxar sessions b'€4.00 għal kull session.

Is-Sur Sammut qal li dawn sejrin issir fis-Sala tal-Parroċċa u għalhekk ikun xieraq li jingħata kumpenss lill Parroċċa. Il-Kunsill qabel li Sur Sammut jipproċedi kif ikun meħtieġ u wara l-Kunsill jara kif jirreċiproka lejn il-Parroċċa kif ikun possiblli.

2.3.2 Sur Anthony Dalli

a. Aċċess għall-iskola St. Joan Antide Gudja. Is-Sur Dalli qal illi hemm il-ħtieġa li ssir rampa sabiex persuni bi bżonnijiet speċjali jkunu jistgħu jidħlu u joħorġu fuq in-naħa ta' barra ta' l-iskola mingħjar ebda tfixkil jew tbatija żejda.

Il-Kunsill qabel li bħala rikonoxximent tal-koperazzjoni ta' l-iskola St. Joan Antide mal-Kunsill fosthom meta din l-iskola toffri s-sala tagħha għall-attivitajiet edukattivi li jtella l-Kunsill, dan ix-xogħol meħtieġ għandu jsir mill-Kunsill wara li jiġi spjegat sewwa dak meħtieġ.

Sospensjoni tal-laqgħa sabiex jingħata bidu għal-laqgħa Pubblika.

Fis-6.30p.m. is-Sindku talab is-sospensjoni tal-laqgħa sabiex tibda l-laqgħa msejħa għal Pubbliku skond Artiklu 70 tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

Il-Laqgħa kompliet fis-7.15p.m. wara l-laqgħa pubblika.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-ilment li rċieva u dawra l-azzjoni li qed tittieħed f'waqta sabiex jiġi eliminat kull inkonvenjent kemm jista' jkun malajr.

3.1.2 Il-Kunsill ġie infurmat ukoll dwar ilmenti li qed jaslu dwar ħmieġ tal-klieb f'diversi inħawi fosthom Triq Fidloqqom. Il-Kunsill qabel li jintalbu kwotazonijiet u eventwalment jinxtraw għal bins (ħamsa) sabiex fijhom jitpoġġga l-ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti prijorita li jpoġġi dawn il-bins fi Triq Fidloqqom u fl-inħawi ta' Xlejli kif ukoll ipoġġi żewġ bins fi Ġnien R. Caruana Gudja.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li ntbagħtu u qabel li jsegwi l-progress tal-Kunsill kif meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jieħu l-passi meħtieġa u segwi l-progress u azzjonijiet kif meħtieġ.

**4.0 Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun)**

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar id-diversi problemi li qed jinqalgħu u dwar il-progress tal-proġett.

4.2 Is-Sindku qal li għalkemm inqalgħu ħafna problemi li ma kienux previsti Triq Ħal Resqun tkun lesta sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu 2011.

## 5.0 Estimi Finanzjarji għas-sena 2011

5.1 L-estimi finanzjarji li ġew maħduma fuq l-allokazzjoni għas-sena 2011 u fuq tifdil li diġa kellu l-Kunsill ġew approvati kif preżentati.

**6.0 Financial Statements għas-sena 2010. Mill-01 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010.**

6.1 Il-financial statements għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010 ġew approvati kif preżentati. Is-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv ġew awtorizzati jiffirmaw dawn il-financial statements kif meħtieġ sabiex b'hekk jibda l-proċess tal-awditjar skond il-proċeduri stabbiliti.

**7.0 Rapport Amministrattiv – Jannar sa Diċembru 2010.**

7.1 Ir-rapport amministrattiv minn Jannar sa Diċembru 2010 ġie apporvat kif preżentat.

**8.0 Finanzi**

8.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Diċembru 2010 b'ammont ta' €41.27 ġie approvat kif ippreżentat.

8.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2011 għas-somma ta' €48056.06 (skeda A u skeda B) ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

8.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

8.3.1 Il-Kunsill approva x-xogħlijiet u l-infieq kif ġie indikat f'dawn il-minuti aktar il-quddiem.

8.3.2 Xiri ta' asphalt sabiex jiġi msewwija diversi toroq ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill approva x-xiri ta' mitejn xkora asphalt u jew żewġ tunnellati asphalt (skond kif ikun jaqbel fil-prezz għall-Kunsill) u li dawn għandhom jaslu għand il-Kunsill f'batches skond kif ikun jeħtieġ il-Kunsill minn żmien għal żmien.

8.3.3 Konkos u torba. Il-Kunsill qabel li jistħarreġ l-possibilita li fi Triq Ħal Luqa Gudja jimla t-toqob fil-konkos. Jekk dan ikun fattibli u peress li din it-triq hija imwegħda li ssir mit-Trasport Malta, l-Kunsill approva x-xiri ta' sitt jardi konkos li jintużaw ġewwa din it-triq u jekk ikun fadal jintużaw sabiex jimtlew toqob oħra fl-inħawi.

8.3.4 Il-Kunsill approva x-xiri u ġarr ta' torba għall-ħsara li hemm fit-trejqa ta' Wied Ġarnaw. Il-Kunsill approva l-kiri ta' romblu u bobcat (jew inġenji oħra simili li jkun jistgħu jgħinu l-Kunsill fix-xogħol tiegħu)

## 9.0 Għeluq tal-laqgħa

9.1 Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss sejra ssir fit-28 ta' Frar 2011 fil-5.30p.m. fuq l-agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem qabel il-laqgħa.

Il-laqgħa għalqet fid-9.15p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________